## L-ERBGĦA

## TAL-XXXI ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Salmodija tal-Erbgħa tat-III ġimgħa*

## IS-SEJĦA GĦAT-TIFĦIR 'L ALLA

V/. Mulej, iftaħli xufftejja.
R/. U fommi jxandar it-tifħir tiegħek.

### Salm 94 (95)

**Ant.** Il-Mulej hu Alla tagħna li ħalaqna: ejjew nadurawh.

Ejjew, ħa nfaħħru bl-hena l-Mulej,
ħa ngħajjtu bil-ferħ lill-blata tas-salvazzjoni tagħna!
Nersqu quddiemu b'għana ta' radd il-ħajr,
ngħannulu b'għajat ta' ferħ.

**Ant.** Il-Mulej hu Alla tagħna li ħalaqna: ejjew nadurawh.

Għax Alla kbir hu l-Mulej,
sultan kbir fuq l-allat kollha.
F'idejh huma qigħan l-art,
tiegħu huma qċaċet l-għoljiet.
Tiegħu l-baħar, għax hu għamlu;
tiegħu l-art, għax b'idejh saret.

**Ant.** Il-Mulej hu Alla tagħna li ħalaqna: ejjew nadurawh.

Ejjew inqimuh u ninxteħtu quddiemu,
għarkubbtejna quddiem il-Mulej li ħalaqna!
Għaliex hu Alla tagħna,
u aħna l-poplu tal-mergħa tiegħu u n-nagħaġ tiegħu.

**Ant.** Il-Mulej hu Alla tagħna li ħalaqna: ejjew nadurawh.

M'hux li kontu llum tisimgħu leħnu!
"La twebbsux qalbkom bħal f'Meriba,
bħal dakinhar f'Massa, fid-deżert,
meta ġarrbuni u ttantawni missirijietkom,
għalkemm raw dak li jien għamilt.

**Ant.** Il-Mulej hu Alla tagħna li ħalaqna: ejjew nadurawh.

Għal erbgħin sena domt nistmellu dan in-nisel;
u jien għedt: 'Qalbu mħassra dan il-poplu,
u triqati ma jagħrfux.'
Għalhekk ħlift fl-għadab tiegħi:
Ma jidħlux fil-mistrieħ tiegħi!"

**Ant.** Il-Mulej hu Alla tagħna li ħalaqna: ejjew nadurawh.

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu.
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem,
U jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

**Ant.** Il-Mulej hu Alla tagħna li ħalaqna: ejjew nadurawh.

## UFFIĊĊJU TAL-QARI

V/. O Alla, ejja eħlisni.
R/. Mulej, fittex għinni.

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu.
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem,
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen. Hallelujah.

## INNU

I. *Billejl jew kmieni ma' sbiħ il-jum*

Mexxej qawwi, li ħlaqt kollox
fi tjubitek, ersaq fostna;
keċċi n-nagħas minn xfar għejnejna
biex niftħuhom għad-dawl tiegħek.

Int, Feddej qaddis, agħtina
maħfra sħiħa ta' dnubietna,
biex jisseddaq it-talb tagħna
mat-tifħir li qed noffrulek.

It-twissija tal-Profeta,
u l-eżempji sbieħ ta' Pawlu,
iħeġġuna biex fil-ljieli
nerfgħu jdejna lejk b'kull barka.

F'riġlejk niftħu l-qiegħ ta' qalbna,
int li tifli l-għemil tagħna;
aħna l-ħatja nibku w nolfqu
biex troddilna s-sliem bil-maħfra.

Ġieħ u sebħ għal dejjem, Kristu,
Sultan twajjeb, jintradd lilek,
lill-Missier, u lill-Ispirtu
Difensur u Faraġ tagħna. Ammen.

II. *Matul il-jum*
Infaħħruk Mulej, Sid tagħna,
għax bla qjies u għoli għerfek;
tkun il-grazzja tiegħek magħna,
int li taf x'hemm moħbi f'qalbna.

Ħares fina kull m'hu tajjeb,
u kull ħażen biegħed minna;
fil-mergħat it-tajba ħudna
mal-merħliet magħżula tiegħek.

Nhar il-ħaqq la tkunx l-imħallef
li jwarrabna mal-misħuta,
iżda semma' fuqna l-barka
tan-nagħġiet għeżież li ssalva.

Ġieħ u sebħ għal dejjem Kristu,
Sultan twajjeb jintradd lilek,
lill-Missier, u lill-Ispirtu
Difensur u Faraġ tagħna. Ammen.

## SALMODIJA

Ant. 1: It-tjieba u l-fedeltà jgħaddu quddiemek, Mulej.

### Salm 88 (89):2-38

### I

It-tjieba tal-Mulej irrid dejjem ngħanni; *
f'kull żmien ixandar fommi l-fedeltà tiegħek.
Għax jien għedt: "Tjubitek tibqa' sħiħa għal dejjem; *
bħas-smewwiet int wettaqt il-fedeltà tiegħek."

"Għamilt patt mal-magħżul tiegħi, *
ħlift lil David, il-qaddej tiegħi:
'Jien nagħmel li nislek jibqa' għal dejjem, *
li f'kull żmien jibqa' sħiħ it-tron tiegħek.' "

Ifaħħru s-smewwiet għeġubijietek, Mulej, *
u l-fedeltà tiegħek fil-ġemgħa tal-qaddisin.
Għax min hemm fis-sema daqs il-Mulej? *
Min jixbah lill-Mulej fost dawk li hemm fis-sema?
Tal-biża' Alla fil-laqgħa tal-qaddisin, *
kbir u tal-biża' fuq dawk kollha ta' madwaru.

Mulej, Alla ta' l-eżerċti, min hu bħalek? *
Int qawwi, Mulej, u l-fidili tiegħek madwarek.
Int taħkem fuq il-baħar imqalleb; *
meta jqumu l-imwieġ int trażżanhom.
Int tisħaq 'il Raħab bħal midrub għall-mewt; *
bi driegħek setgħani tferrex l-għedewwa tiegħek.

Tiegħek is-smewwiet u tiegħek l-art; *
id-dinja b'kull ma fiha int waqqaftha.
It-Tramuntana u n-Nofsinhar inti ħlaqthom; *
b'ismek jifirħu t-Tabor u l-Ħermon.

Driegħ kollu qawwa hu driegħek, *
b'saħħitha idek, merfugħa lemintek.
Fuq id-dritt u l-ġustizzja mibni t-tron tiegħek; *
tjieba u fedeltà jgħaddu quddiemek.

Hieni l-poplu li jaf jgħajjat bil-ferħ, *
li jimxi, Mulej, fid-dawl ta' wiċċek.
B'ismek jithennew il-jum kollu, *
u bil-ġustizzja tiegħek jifirħu.
Għax inti l-foħrija tal-qawwa tagħhom; *
għal tjubitek nerfgħu rasna fl-għoli.
Għax il-Mulej it-tarka tagħna; *
il-Qaddis ta' Iżrael is-sultan tagħna.
Glorja.

Ant. 1: It-tjieba u l-fedeltà jgħaddu quddiemek, Mulej.

Ant. 2: L-Iben ta’ Alla, skond it-tnissil tal-ġisem, twieled minn nisel ta’ David.

## II

Dhert fl-imgħoddi lil ħbiebek u għedtilhom: *
"Jien qegħedt il-kuruna fuq ras wieħed qalbieni;
ħtart żagħżugħ *
u għollejtu fuq il-poplu.
Sibt 'il David, qaddej tiegħi, *
biż-żejt imqaddes tiegħi dliktu;
tkun idi dejjem miegħu, *
u nsaħħu wkoll bi driegħi.

Ma jgħakksux l-għadu tiegħu; *
ma jbaxxihx il-bniedem ħażin.
Inxejjen quddiemu l-għedewwa tiegħu, *
u nsawwat lil min jobogħdu.
Miegħu jkunu l-fedeltà u t-tjieba tiegħi; *
b'ismi tissaħħaħ il-qawwa tiegħu.
Is-setgħa ta' idejh nifrex fuq il-baħar; *
fuq ix-xmajjar taħkem il-leminija tiegħu.

Hu jsejjaħli: Int missieri u Alla tiegħi, *
fortizza u salvazzjoni tiegħi!
U jiena nagħmlu l-iben il-kbir tiegħi, *
l-ogħla fost is-slaten ta' l-art.
It-tjieba tiegħi fuqu nżommha għal dejjem, *
u l-patt tiegħi miegħu jibqa' sħiħ.
Nagħmel li nislu jibqa' għal dejjem; *
it-tron tiegħu jkun bħall-jiem tas-sema.
Glorja.

Ant. 2: L-Iben ta’ Alla, skond it-tnissil tal-ġisem, twieled minn nisel ta’ David.
Ant. 3: Ħlift darba għal dejjem lil David, qaddej tiegħi: nislu jibqa’ għal dejjem.

## III

Jekk uliedu jħallu l-liġi tiegħi, *
u ma jimxux skond il-preċetti tiegħi,
jekk huma jiksru l-liġijiet tiegħi, *
u ma jħarsux il-kmandamenti tiegħi,

jien nikkastiga ħtijiethom bil-virga, *
u bis-swat il-ħażen tagħhom.

Iżda ma nwarrabx tjubiti minnu; *
ma niksirx il-kelma li tajtu.
Ma nonqosx mill-patt tiegħi; *
ma nerġax lura minn kelmti.
Ħlift bi qdusiti darba għal dejjem, *
żgur li b'David ma nqarraqx.
Nislu għal dejjem jibqa'; *
it-tron tiegħu bħax-xemx quddiemi.
Bħall-qamar jibqa' għal dejjem; *
it-tron tiegħu aktar sod mis-sema."
Glorja.

Ant. 3: Ħlift darba għal dejjem lil David, qaddej tiegħi: nislu jibqa’ għal dejjem.

V/. It-tifsir ta’ kelmtek jagħti d-dawl.
R/. Ifiehem lil min ma jafx.

## LEZZJONI 1

Qari mill-Ewwel Ktieb tal-Makkabin 1 Mac 3:1-26

*Ġuda l-Makkabi*

F’dak iż-żmien, Ġuda bin Mattatija, li kienu jsejjħulu l-Makkabi, laħaq floku. U nġabru miegħu ħutu kollha u dawk kollha li kienu ma’ missieru, u ġġieldu l-battalji ta’ Iżrael kollhom ferħana.

Għolla l-ġieħ tal-poplu tiegħu; xedd il-kurazza bħal ġgant; tħażżem bit-tagħmir tal-gwerra; inxteħet għall-battalji u bix-xabla tiegħu kien iħares il-kamp. F'għemilu kien qisu ljun, bħal ferħ ta' ljun iriegħed għall-priża. Għamel għal wara r-rinnegati u qabadhom, u l-ħawwada tal-poplu tahom in-nar. U r-rinnegati triegħdu quddiemu bil-biża' quddiemu, u nfixlu dawk kollha li kienu jagħmlu l-ħażen, u bis-saħħa tiegħu seħħet is-salvazzjoni. U kedd ħafna slaten, imma farraġ lil Ġakobb b'għemilu; u mbierka tifkirietu għal dejjem. U ġġerra ma' l-ibliet kollha ta' Ġuda, u qered minnha l-ħżiena u hekk warrab il-korla ta’ Alla minn fuq Iżrael. Ismu wasal sa truf id-dinja; u ġabar flimkien il-mitlufin.

Apollonju ġabar nies Ġentili u eżerċtu qawwi mis-Samarija biex jiġġieled kontra Iżrael. Malli Ġuda sar jaf, ħareġ għalih, għelbu u qatlu; ħafna waqgħu midruba għall-mewt u l-bqija ħarbu. Il-Lhud ħadu l-priża; Ġuda ħa x-xabla ta' Apollonju u biha dam jiġġieled għomru kollu.

Seron, il-kmandant ta' l-eżerċtu tas-Sirja, sama' li Ġuda kien ġema' madwaru kotra ta' nies leali u lesti għall-ġlied. U hu qal: "Ħa nagħmel isem għalija u jkolli unur mas-saltna kollha u naħbat għal Ġuda u n-nies li għandu miegħu, li sfidaw id-digrieti tas-sultan."

U ċċaqlaq u marret miegħu kotra qawwija ta' nies midgħajja biex tgħinu jitħallas minn ulied Iżrael. U hu wasal sat-telgħa ta' Bet-ħoron, u Ġuda ħareġ għalih bi ftit nies li, malli raw dak l-eżerċtu riesaq lejhom, qalu lil Ġuda: "Kif nistgħu, il-ftit li aħna, neħduha ma' kotra qawwija bħal din? Barra dan, illum għadna ma trejjaqniex, u nħossuna mifnija."

Ġuda weġibhom: "Ħaġa ħafifa li ħafna jaqgħu f'idejn il-ftit; għas-Sema kollu xorta li ssalvana bil-ħafna jew bil-ftit. Ir-rebħa fil-gwerra ma sseħħx bil-kotra ta' l-eżerċtu, għax mis-sema tiġi l-forza. Huma ġejjin għalina mimlija bihom infushom u kollhom ħażen biex jisirquna u jeqirduna, lilna, lin-nisa tagħna u lil uliedna. Imma aħna qegħdin niġġieldu għal ħajjitna u għall-liġijiet tagħna. Alla stess għad ifarrakhom quddiemna. Ma għandkomx għax tibżgħu!"

Malli temm kliemu, nxteħet għal fuqhom għal għarrieda, Seron u l-eżerċtu tiegħu tħarbat quddiemu. U Ġuda baqa' jiġri għal warajh man-niżla ta' Bet-ħoron sal-wita ta' taħtha. U mietu xi tmien mitt wieħed, u l-bqija ħarbu lejn l-art tal-Filistin.

Il-biża' ta' Ġuda u ħutu beda jixtered, u bdew jitkexkxu l-ġentili ta' madwarhom. Il-fama tiegħu waslet sa għand is-sultan, u l-ġnus kollha bdew jitkellmu fuq il-battalji tiegħu.

**RESPONSORJU** 1 Mak 3:20a. 22b. 19. 21-22a

R/. Ġejjin għalina mimlija bihom infushom u kollhom ħażen: intom ma għandkomx għax tibżgħu! * Ir-rebħa fil-gwerra ma sseħħx bil-kotra ta’ l-eżerċtu, għax mis-sema tiġi l-forza.
V/. Aħna qegħdin niġġieldu għal ħajjjitna u għall-liġijiet tagħna. Alla stess għad ifarrakhom quddiemkom. * Ir-rebħa tal-gwerra ma sseħħx bil-kotra ta’ l-eżerċtu, għax mis-sema tiġi l-forza.

## LEZZJONI II

Qari mill-Katekeżi ta' San Ċirillu, isqof ta' Ġerusalemm

*Il-qawwa tal-fidi taħdem 'il fuq mill-qawwa tal-bniedem*

Il-kelma "fidi" għandha żewġ tifsiriet. L-ewwel tifsira għandha x'taqsam mal-veritajiet li nemmnu, u għalhekk titlob minna li aħna nilqgħu u naċċettaw xi ħaġa bħala vera. Din is-sura ta' fidi hi ta' siwi kbir għal ruħna, kif jgħid il-Mulej: *Min jisma' kelmti u jemmen f'min bagħatni għandu l-ħajja ta' dejjem, u ma jsirx ħaqq minnu.* U jgħid ukoll: *Min jemmen fl-Iben ma jsirx ħaqq minnu, imma għadda mill-mewt għall-ħajja.*

X'tjieba kbira ta' Alla għall-bnedmin! Il-ġusti għoġbu lil Alla permezz ta' ħafna snin ta' ħidma. Dak li huma kisbu f'dawn is-snin kollha ta' ħidma biex jaqdu b'ħilithom kollha lil Alla b'servizz li jogħġbu, Kristu jagħtihulek fi żmien ta' siegħa. Għax jekk int temmen li Ġesù Kristu hu l-Mulej, u li Alla qajjmu mill-imwiet, int issalva u jdaħħlek fis-sema dak li daħħal hemm ukoll ħalliel. U taħsibx li dan ma jistax ikun: dak li salva ħalliel f'dan il-post tal-Golgota wara biss fidi ta' siegħa, isalva wkoll lilek jekk temmen.

Il-kelma "fidi" tfisser ukoll waħda mill-grazzji li jagħti Kristu: *Lil wieħed jingħata mill-Ispirtu kliem il-għerf, lill-ieħor il-kelma tas-sapjenza mill-istess Spirtu, lill-ieħor il-fidi mill-istess Spirtu, lill-ieħor id-don tal-fejqan.*

Din il-fidi mogħtija mill-Ispirtu bħala grazzja m'hix biss it-twemmin tal-veritajiet tal-fidi imma hi qawwa li tingħata lill-bnedmin u li tisboq il-forzi naturali tagħhom. Min għandu fidi bħal din, jista' jgħid lil muntanja: "Warrab minn hawn", u twarrab. Min, mimli fidi, jgħid kliem bħal dan u jemmen tassew li se jseħħ, u ma jiddubitax f'qalbu, irċieva dan id-don tal-fidi.

Hu fuq din il-fidi li ntqal: *Kieku għandkom fidi mqar daqs żerriegħa tal-mustarda*. Kif żerriegħa tal-mustarda, għalkemm żgħira ħafna fil-kobor, għandha fiha qawwa daqs tan-nar, u għalkemm trid biss ftit ħamrija fejn tinżera', meta tikber ikollha friegħi hekk kbar li fuqhom jistkennu wkoll l-għasafar ta' l-ajru; hekk il-fidi fir-ruħ tagħmel l-għeġubijiet kbar f'mument wieħed. Imdawwla b'din il-fidi, ir-ruħ taħseb fuq Alla u tarah sakemm ruħ ta' bniedem tista' tarah, tasal sa truf l-art u qabel iseħħ il-ħaqq fi tmiem id-dinja tara lil Alla jagħti 'l kulħadd skond ma wiegħed.

Ħa jkollok mela fik, sa fejn tista', din il-fidi li twasslek għand Alla biex mingħandu tikseb id-don tal-fidi li tagħtik qawwa wisq aktar milli int għandek bħala bniedem.

**RESPONSORJU** Gal 2:16; Rum 3:25a

R/. Aħna li nafu li l-bniedem ma jkunx iġġustifikat bl-opri tal-Liġi imma bil-fidi f'Ġesù Kristu, * Aħna wkoll emminna f'Ġesù Kristu, sabiex inkunu ġustifikati bil-fidi fi Kristu.
V/. Lilu Alla kkostitwih vittma ta' espjazzjoni b'demmu permezz tal-fidi. * Aħna wkoll emminna f'Ġesù Kristu, sabiex inkunu ġustifikati bil-fidi fi Kristu.

## TALBA

O Alla ħanin li tista' kollox, minnek ġej li l-fidili tiegħek jagħtuk servizz xieraq u ta' ġieħ; agħmel li mingħajr ebda tfixkil inħaffu biex niksbu l-wegħdiet tiegħek. B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna li miegħek jgħix u jsaltan flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu, Alla, għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Inbierku l-Mulej.
R/. Inroddu ħajr lil Alla.

## IT-TIFĦIR TA' SBIĦ IL-JUM

V/. O Alla, ejja eħlisni.
R/. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu.

### INNU

Qed jinħall id-dlam li jistor
fis-sigħat tal-lejl il-ħlejjaq;
dawl il-jum qiegħed isebbaħ
kullimkien bil-bjuda tiegħu.

U bħal swaba' twal u rotob
'l hawn u 'l hinn jinfirxu r-raġġi;
tfiġġ ix-xemx fil-ħmura w tixħet
mant ta' dija fuq ir-raba'.

Hekk, fis-sliem u l-barka t'Alla,
jgħib id-dlam tal-qerq minn moħħna,
minn fuq qalbna s-sħab jiċċarrat,
u fid-dawl tal-grazzja nimxu.

Sabiex miegħek biss ningħaqdu,
Kristu Sidna, b'fehma safja:
u kuljum inħossu l-qawwa
tal-ġid kbir li tagħmel magħna.

Ejja żurna w iddi fina
kull filgħodu bid-dawl tiegħek;
keċċi d-dell tal-mewt minn ruħna,
ħa nimtlew bil-ferħ tal-ħajja.

Ġieħ u sebħ għal dejjem, Kristu,
Sultan twajjeb, jintradd lilek,
lill-Missier, u lill-Ispirtu
Difensur u Faraġ tagħna. Ammen.

Ant. 1: Ferraħ ruħ il-qaddej tiegħek, għax lejk, Sidi, jien nerfa' ruħi.

# Salm 85 (86)

Agħtini widen, Mulej, u weġibni, *
ghaliex jiena msejken u fqajjar.
Ħarisli ħajti, għax jiena twajjeb, *
salva l-qaddej tiegħek, għax fik jittama.

Int Alla tiegħi, ħenn għalija, Sidi, *
għax lilek ngħajjat il-ħin kollu.
Ferraħ ruħ il-qaddej tiegħek, *
għax lejk, Sidi, jien nerfa' ruħi.
Għax int, Sidi, twajjeb u taħfer, *
kollok tjieba għal kull min isejjaħlek.

Agħti widen, Mulej, għat-talba tiegħi, *
isma' l-leħen ta' l-ilfiq tiegħi.
F'jum in-niket tiegħi nsejjaħlek, *
għax inti żgur tweġibni.

Ħadd m'hu bħalek fost l-allat, Mulej, *
u xejn bħall-għemil tiegħek.
Il-ġnus kollha, li għamilt,
jiġu jinxteħtu quddiemek, *
u jsebbħu ismek, Sidi.
Għax kbir int, u għemejjel ta' l-għaġeb tagħmel; *
int waħdek Alla!
Urini, Mulej, triqatek, †
biex nimxi fis-sewwa tiegħek; *
agħtini qalb waħda, biex ikolli l-biża' ta' ismek.
B'qalbi kollha nizzik ħajr, Mulej Alla tiegħi, *
u nsebbaħ ismek għal dejjem.
Għax kbira hi t-tjieba tiegħek miegħi, *
int ħlistni minn qiegħ l-imwiet.

O Alla, nies kburin qamu għalija, †
ġemgħa nies qawwija jonsbuli ħajti; *
huma nies li ma jagħtux kasek.
Int, Alla Sidi, ħanin u twajjeb, *
iddum biex tagħdab, kollok tjieba u fedeltà.
Ħares lejja u ħenn għalija, †

aghti qawwa lill-qaddej tiegħek, *
salva l-iben tal-qaddejja tiegħek.

Urini sinjal ta' tjubitek, †
ħa jaraw u jitħawwdu l-għedewwa tiegħi; *
għax int, Mulej, tgħinni u tfarraġni.
Glorja.

Ant. 1: Ferraħ ruħ il-qaddej tiegħek, għax lejk, Sidi, jien nerfa’ ruħi.
Ant. 2: Hieni l-bniedem li jimxi fis-sewwa u jgħid id-dritt.

## Kantiku Iż 33:13-16

Intom li fil-bogħod tinsabu, *
isimgħu jien x'għamilt ;
intom li qegħdin fil-qrib, *
kunu afu s-setgħa tiegħi!
Il-ħatja f'Sijon twerwru, *
fuq il-ħżiena waqa' l-biża'.
Min minna se joqgħod ma' nar qerriedi? *
Min minna se joqgħod ma' nirien dejjem iħeġġu?
Min jimxi fis-sewwa u jgħid id-dritt, *
min jistmerr il-qligħ miksub bil-qerq,
min iwarrab idejh mir-rigali ta’ min irid jixtrih, *
min isodd widnejh biex ma jismax b'tixrid ta’ dmija,
min jagħlaq għajnejh *
biex ma jarax il-ħażen.

Dan jgħammar fl-għoli: *
fortizzi taż-żonqor il-kenn tiegħu,
Il-ħobż tiegħu jsibu, *
u l-ilma qatt ma jonqsu.
Glorja.

Ant. 2: Hieni l-bniedem li jimxi fis-sewwa u jgħid id-dritt.
Ant. 3: Għajjtu bil-ferħ quddiem il-Mulej is-sultan.

## Salm 97 (98)

Għannu lill-Mulej għanja ġdida, *
        għax għamel ħwejjeġ ta' l-għaġeb.

Ġibitlu r-rebħa l-leminija tiegħu, *
        u d-driegħ imqaddes tiegħu.
Għarraf il-Mulej is-salvazzjoni tiegħu, *
        f'għajnejn il-ġnus wera l-ġustizzja tiegħu.
Ftakar fit-tjieba u l-fedeltà tiegħu *
        mal-poplu ta' Iżrael.
L-art kollha, minn tarf għall-ieħor, *
        rat is-salvazzjoni ta' Alla tagħna.

Għajjtu bil-ferħ lill-Mulej fl-art kollha, *
        infexxu fl-għana, ifirħu u għannu!
Għannu lill-Mulej biċ-ċetra, *
        biċ-ċetra u bil-ħlewwa ta' l-għana,
bit-trombi u bid-daqq tat-trumbetti; *
        għajjtu bil-ferħ quddiem il-Mulej is-sultan!

Ħa jriegħed il-baħar u kull ma fih, *
        id-dinja u kull ma jgħammar fiha.
Ħa jċapċpu x-xmajjar idejhom, *
        u l-muntanji flimkien jgħajjtu bil-ferħ
quddiem il-Mulej, għax ġej *
        biex jagħmel ħaqq mill-art;
hu jagħmel ħaqq mid-dinja bil-ġustizzja, *
        u mill-popli bis-sewwa.
Glorja.

Ant. 3: Għajjtu bil-ferħ quddiem il-Mulej is-sultan.

**LEZZJONI QASIRA** Ġob 1:21; 2;10b

Għeri ħriġt minn ġuf pmmi, għeri nerġa' mmur hemm. Il-Mulej tani u l-Mulej ħadli ; kif għoġob lill-Mulej, hekk sar : ikun imbierek isem il-Mulej. Nilqgħu t-tajjeb mingħand Alla, u l-ħażin ma nilqgħuhx?

## RESPONSORJU QASIR

R/. Iġbidli qalbi, o Alla. * Biex inħares il-preċetti tiegħek. Iġbidli.
V/. Bil-kelma tiegħek agħtini l-ħajja. * Biex inħares il-preċetti tiegħek. Glorja. Iġbidli.

Ant. tal-kantiku ta' Żakkarija:
Agħmel ħniena magħna, Mulej, u ftakar fil-patt qaddis tiegħek.

Imbierek il-Mulej, Alla ta' Iżrael, *
għaliex ġie jżur u jifdi l-poplu tiegħu,
u waqqaf għalina qawwa ta' salvazzjoni *
f'dar David, qaddej tiegħu,
bħalma kien wiegħed fl-imgħoddi *
b'fomm il-profeti qaddisin tiegħu,
biex isalvana mill-għedewwa tagħna *
u minn idejn dawk kollha li jobogħduna.
B'hekk juri ħniena ma' missirijietna, *
u jiftakar fil-patt qaddis tiegħu,
fil-ħalfa li ħalef lil Abraham missierna, *
li jagħtina
li, meħlusin minn idejn l-għedewwa tagħna, *
naqduh bla biża'
tul ħajjitna kollha, *
bil-ġustizzja u l-qdusija quddiemu.
U inti, tfajjel, tissejjaħ profeta ta' l-Għoli; *
għax tmur qabel il-Mulej biex tħejjilu triqatu,
biex tgħarraf lill-poplu tiegħu bis-salvazzjoni, *
bil-maħfra ta' dnubiethom,
ħierġa mill-qalb ħanina ta' Alla tagħna, *
li jibagħtilna mill-għoli ż-żjara tax-Xemx tielgħa,
ħa jdawwal lil dawk li jinsabu
fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt, *
ħa jmexxi l-passi tagħna fit-triq tas-sliem.
Glorja lill-Missier, u lill-Iben, *
u lill-Ispirtu s-Santu,
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, *
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem.

Ant. tal-kantiku ta' Żakkarija:
Agħmel ħniena magħna, Mulej, u ftakar fil-patt qaddis tiegħek.

Kristu ta lilu nnifsu għall-Knisja, u jmantniha u jieħu ħsiebha. Nitolbuh għaliha u ngħidulu:

*Mulej, ħares lill-Knisja tiegħek.*

Ragħaj tal-Knisja tiegħek, aħna nberkuk talli żammejtna ħajjin sa llum u tajtna d-dawl ta' din il-ġurnata:
- agħmel li nroddulek ħajr għal dawn id-doni sbieħ tiegħek.
Ixħet ħarsa ħanina lejn il-merħla tiegħek li int ġbart f'ismek:
- tħalli 'l ħadd jintilef minn dawk li Missierek tak.
Mexxi l-Knisja fit-triq tal-kmandamenti tiegħek:
- agħtiha l-Ispirtu s-Santu biex iwettaqha fil-fedeltà miegħek.
Għajjex lill-Knisja bil-kelma u l-ħobż tiegħek:
- qawwiha bis-saħħa ta' dan l-ikel biex tibqa' miexja ferħana warajk.

**Missierna**

## TALBA

Fit-tjieba tiegħek, Mulej, dawwal is-sensi tagħna bid-dija ta' qdusitek, biex ngħixu dejjem miegħek f'rabta ta' mħabba, int li ħlaqtna bl-għerf u qiegħed iżżommna bil-provvidenza tiegħek. B'Ibnek Ġesù Kristu, li miegħek jgħix u jsaltan flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu, Alla, għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

**Għeluq**
Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem.
**Ammen.**

## IT-TALB TA’ NOFS IL-JUM

V/. O Alla, ejja eħlisni.
R/. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu.

**Fid-Disgħa ta’ filgħodu**

### INNU

Spirtu s-Santu, li int Alla
wieħed mal-Missier u l-Iben,
ejja xxerred ġewwa fina,
ħalli bik ilkoll timliena.

Bi kliem fommna, b’qalbna w ruħna,
nerfgħu lejk it-tifħir tagħna;
int kebbisna b’nar imħabbtek,
u nxerduh fl-oħrajn madwarna.

Kun id-dawl li jtina l-għarfa
tal-Missier u l-Iben tiegħu:
żomm qawwija l-fidi tagħna
fik, l-Ispirtu li ġej minnhom. Ammen.

**F’Nofsinhar**

### INNU

Mexxej qawwi, Alla veru,
Inti kollox tqassam sewwa:
jisbaħ jum, tagħnih bid-dija;
f’nofsu żżejnu b’dawl iħaġġeġ.

Iżda itfi l-għadab fina,
taffi s-sħana ta’ kull deni,
agħti s-saħħa ‘l min hu dgħajjef,
ġib is-sliem tassew fi qlubna.

Isma’ talbna, Missier twajjeb,

w int, Waħdieni tiegħu u daqsu,
li ta’ dejjem hi saltnatkom
ma’ l-Ispirtu Faraġ tagħna. Ammen.

**Fit-Tlieta ta’ wara nofsinhar**

**INNU**

Alla, int, li fik innifsek
m’hemmx tibdil lill-ħlejjaq trieġi:
lil kull siegħa tal-ġurnata
tqis id-dawl li jkun imissha.

Ibagħtilna lejla tajba,
fejn il-ħajja qatt ma tonqos,
imma tersaq lejn il-glorja,
li tkun ħlas ta’ mewt qaddisa.

Isma’ talbna, Missier twajjeb,
w int, Waħdieni tiegħu u daqsu,
li ta’ dejjem hi saltnatkom
ma’ l-Ispirtu Faraġ tagħna. Ammen.

Ant.1 Il-Mulej jgħid: Min jiġi warajja ma jimxix fid-dlam, imma jkollu d-dawl tal-ħajja.

**Salm 118 (119):105-112**

**XIV (Nun)**

Musbieħ għal riġlejja l-kelma tiegħek, *
u dawl fil-mogħdija tiegħi.
Ħlift, u rrid inżomm kelmti, *
li nħares id-digrieti ġusti tiegħek.

Ninsab imnikket għall-aħħar, Mulej; *
agħtini l-ħajja skond il-kelma tiegħek.
Ilqa', Mulej, il-qima ta' fommi, *
u għallimni d-digrieti tiegħek.

Ħajti dejjem fit-tiġrif, *

imma qatt ma ninsa l-liġi tiegħek.
Il-ħżiena nasbuli x-xibka, *
imma jien ma warrabtx mill-preċetti tiegħek.

Il-preċetti tiegħek wirti għal dejjem; *
huma l-għaxqa ta' qalbi.
Inħajjar 'il qalbi biex tħares il-kmandamenti tiegħek, *
għal dejjem u sa l-aħħar.
Glorja.

Ant.1 Il-Mulej jgħid: Min jiġi warajja ma jimxix fid-dlam, imma jkollu d-dawl tal-ħajja.
Ant.2 Jien fqajjar u msejken: o Alla, fittex għinni.

## Salm 69 (70)

O Alla, ejja eħlisni! *
Mulej, fittex għinni!
Ħa jistħu u jinfixlu *
dawk li jfittxu jneħħuli ħajti.
Ħa jerġgħu lura mħawwda *
dawk li jifirħu bid-deni tiegħi.

Ħa jerġgħu lura kollhom mistħija *
dawk li jiddieħku bija.
Jithennew u jifirħu bik *
dawk kollha li jfittxuk;
jgħidu dejjem: "Kbir hu Alla," *
dawk li jħobbu s-salvazzjoni tiegħek.

Imma jien, fqajjar u msejken; *
o Alla, fittex għinni!
Inti l-għajnuna u l-ħelsien tiegħi: *
iddumx ma tgħinni, Mulej!
Glorja.

Ant.2 Jien fqajjar u msejken: o Alla, fittex għinni.
Ant.3 Alla ma jiġġudikax skond ma jidher fl-għajnejn, imma skond il-ġustizzja u s-sewwa.

## Salm 74 (75)

Lilek infaħħru, o Alla, lilek infaħħru; *
ismek inxandru, għemilek ta' l-għaġeb inħabbru.

"Meta jasal il-waqt li jien għażilt, *
jien nagħmel ħaqq bis-sewwa.
Jekk titriegħed l-art u kull ma fiha, *
jiena nżomm sħaħ il-pilastri tagħha."

Lill-kburin ngħidilhom: "La titkabbrux"; *
u lill-ħżiena: "La terfgħux raskom."
Terfgħux kontra s-sema raskom; *
titkabbrux ma' Alla bi kliemkom.

Għax ebda għajnuna ma ssibu, *
la mill-lvant, la mill-punent, lanqas mid-deżert;
għax Alla hu l-imħallef: *
lil wieħed iniżżlu, lil ieħor jgħollih.

Il-Mulej għandu f'idu bieqja, *
bi nbid qawwi, imħawwar tajjeb;
minnha jisqihom sa l-aħħar qatra: *
il-ħżiena kollha ta' l-art jixorbuha.

Iżda jien għal dejjem nifraħ; *
ngħanni lil Alla ta' Ġakobb.
L-irjus kollha tal-ħżiena jitkissru; *
u jintrefgħu l-irjus tal-ġusti.
Glorja.

Ant.3 Alla ma jiġġudikax skond ma jidher fl-għajnejn, imma skond il-ġustizzja u s-sewwa.

**Fid-Disgħa ta' filgħodu**

**LEZZJONI QASIRA** 1 Kor 13:4-7

L-imħabba taf tistabar u tħenn; l-imħabba m'hijiex għajjura, ma tintefaħx biha nfisha, ma titkabbarx fuq l-oħrajn, ma tagħmilx dak li m'hux xieraq, xejn

ma tfittex dak li hu tagħha, xejn ma jġagħalha tagħdab, ma żżommx f'qalbha għad-deni, ma tifraħx bl-inġustizzja, imma tifraħ bis-sewwa: kollox tagħder, kollox temmen, kollox titttama, kollox tissaporti.

V/. Jithennew u jifirħu bik dawk kollha li jfittxuk, Mulej.
R/. Jgħidu dejjem: Kbir il-Mulej.

## Talba

Mulej, Missier qaddis u Alla li żżomm kelmtek, int bgħattilna l-Ispirtu s-Santu, kif wegħedtna, biex tiġbor flimkien lill-bnedmin li kienu xterdu minħabba d-dnub: agħtina l-grazzja li nagħmlu servizz ta' ġid għall-għaqda u l-paċi fid-dinja. Bi Kristu Sidna. Ammen.

**F'Nofsinhar**

## LEZZJONI QASIRA 1 Kor 13:8-9. 13

L-imħabba ma tintemm qatt. Jgħibu l-profeziji, jisktu l-ilsna, jgħib l-għerf. Għalissa nafu biċċa, u l-profezija tagħna hi nieqsa. Issa hawn fidi, tama u mħabba, tlieta huma: il-kbira fosthom hi l-imħabba.

V/. Ħa tkun, Mulej, it-tjieba tiegħek fuqna.
R/. Kif fik hi t-tama tagħna.

## Talba

O Alla ħanin li tista' kollox, li qiegħed tagħtina ftit ħin ta' heda f'nofs il-ġurnata, ixħet ħarsa ta' tjieba fuq il-ħidmiet tagħna ta' llum, biex twarrab minnhom dakli ma għamilniehx sewwa, u bil-grazzja tiegħek jilħqu l-iskop li jogħġob lilek. Bi Kristu Sidna. Ammen.

**Fit-Tlieta ta' wara nofsinhar**

**LEZZJONI QASIRA** Kol 3:14-15

Ilbsu l-imħabba, li hi l-qofol tal-perfezzjoni. Ħalli s-sliem ta' Kristu jsaltan fi qlubkom, dak is-sliem li għalih kontu msejjħa biex issiru ġisem wieħed. U ta' dan roddu ħajr lil Alla.

V/. Il-ġwejdin għad jirtu l-art.
R/. Bi sliem kotran jitgħaxxqu.

## Talba

Mulej Ġesù, inti ftaħt idejk fuq is-salib biex issalva l-bnedmin; agħmel li l-ħidma kollha tagħna tkun togħġbok, biex biha jseħħilna nuru fid-dinja l-għemil tiegħek tal-fidwa. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Inbierku l-Mulej
R/. Inroddu ħajr lil Alla.

## L-GĦASAR

V/. O Alla, ejja eħlisni.
R/. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu.

### INNU

Alla, Sid qaddis tas-sema,
waqt li x-xemx qed tgħib minn fuqna,
kullimkien bi ġmielek tiksi
mad-dawl fietel fil-għaxija.

Meta r-raba' jum issebbaħ,
taħt idejk bix-xemx ħanina,
inti tajtna wkoll il-qamar,
b'għadd bla tarf ta' kwiekeb ħelwa.

Bihom int turina l-bidla
bla waqfien tax-xhur u l-iżmna,
sabiex aħna wkoll infittxu
bla mistrieħ it-tiġdid tagħna.

Għalhekk dawwal il-qlub tagħna,
saffi 'l ruħna minn kull tebgħa,
ħoll il-ktajjen ta' dnubietna,
u ħarisna 'l bogħod mill-ħtija.

Isma' talbna, Missier twajjeb,
w int, Waħdieni tiegħu u daqsu,
li ta' dejjem hi saltnatkom
ma' l-Ispirtu Faraġ tagħna. Ammen.

### SALMODIJA

Ant. 1: Min jiżra' fid-dmugħ jaħsad bl-għana ta' ferħ.

## Salm 125 (126)

Meta l-Mulej reġġa' lura l-imjassra ta' Sijon, *
konna qisna mitlufa f'ħolma;
mbagħad bid-daħk imtela fommna, *
u bl-għajat ta' ferħ ilsienna.
Mbagħad bdew jgħidu fost il-ġnus: *
"Kbir f'għemilu l-Mulej magħhom!"
Kbir f'għemilu l-Mulej magħna! *
U aħna bil-ferħ imtlejna.

Biddel, Mulej, xortina, *
bħall-widien tan-Negeb!
Dawk li jiżirgħu fid-dmugħ *
jaħsdu bl-għana ta' ferħ.

Huma u sejrin, imorru jibku, *
iġorru ż-żerriegħa għaż-żrigħ.
Iżda huma u ġejjin lura, jiġu b'għana ta' ferħ, *
iġorru l-qatet f'idejhom.

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, *
lill-Ispirtu s-Santu.
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, *
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Ant. 1: Min jiżra' fid-dmugħ jaħsad bl-għana ta' ferħ.
Ant. 2: Jibnilna l-Mulej id-dar, u jħares il-belt tagħna.

## Salm 126 (127)

Jekk il-Mulej ma jibnix id-dar, *
għalxejn jitħabtu l-bennejja.
Jekk il-Mulej ma jħarisx il-belt, *
għalxejn jishar l-għassies.
Ma jiswielkom xejn li tbakkru, †
jew li ddumu ma tistrieħu
u li tieklu ħobż it-tbatija; *
għax jipprovdi lill-għeżież tiegħu.

Ara, wirt il-Mulej huma l-ulied, *
ħlas tiegħu hu frott il-ġuf.
Bħal vleġeġ f'id il-ġellied, *
hekk huma wlied iż-żgħożija.

Hieni l-bniedem li għandu l-ħorġa mimlija bihom! *
Ma jinfixilx meta jiltaqa'
ma' l-għedewwa f'bieb il-belt.
Glorja.

Ant. 2: Jibnilna l-Mulej id-dar, u jħares il-belt tagħna.
Ant. 3: Hu l-kbir fost il-ħlejjaq kollha, hu l-ewwel f'kollox.

## Kantiku Kol 1:12-20

Roddu ħajr lill-Missier, †
li għamilkom denji *
li tissieħbu fil-wirt tal-qaddisin fis-saltna tad-dawl.
Hu ħelisna mill-ħakma tad-dlam, *
u daħħalna fis-saltna ta' Ibnu l-għażiż,
li bih għandna l-fidwa, *
il-maħfra tad-dnubiet.

Hu x-xbieha ta' Alla li ma jidhirx, *
il-kbir fost il-ħlejjaq kollha;
għax bih kien maħluq kollox, *
fis-sema u fl-art,
dak kollu li jidher †
u dak kollu li ma jidhirx, *
troni u ħakmiet, prinċipati u setgħat.

Kollox bih u għalih kien maħluq, †
hu qabel kollox, *
u kollox bih qiegħed iżomm.

Hu r-Ras tal-Ġisem, li hu l-Knisja; †
hu l-bidu, il-kbir li qam mill-imwiet, *
sabiex ikun hu l-ewwel f'kollox.

Fih għoġobha tgħammar il-milja kollha tad-divinità, *

fih Alla għoġbu jerġa jħabbeb kollox miegħu,
u bid-demm tiegħu imxerred fuq is-salib, *
ġieb is-sliem permezz tiegħu fis-sema u fl-art.
Glorja.

Ant. 3: Hu l-kbir fost il-ħlejjaq kollha, hu l-ewwel f'kollox.

**LEZZJONI QASIRA** Ef 3:20-21

Lil Alla li, bis-setgħa tiegħu li taħdem fina għandu l-qawwa li jagħmel kollox bil-wisq iżjed milli aħna nistgħu nitolbu jew naħsbu, lilu l-glorja permezz tal-Knisja u permezz ta' Kristu Ġesù, għal kemm itulu ż-żminijiet, għal dejjem ta' dejjem! Ammen.

**RESPONSORJU QASIR**

R/. Eħlisni int, Mulej. * U ħenn għalija. Eħlisni.
V/. Tgħoddnix man-nies midinba. * U ħenn għalija. Glorja. Eħlisni.

Ant. tal-kantiku ta' Marija:
Is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar; qaddis hu l-isem tiegħu.

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, *
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. *
Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel jibda jsejjaħli hienja.

Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar; *
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien *
fuq dawk li jibżgħu minnu.

Hu wera l-qawwa ta' driegħu, *
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, *
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ, *

u l-għonja bagħathom ‘il barra b’xejn.
Ħa ħsieb Iżrael, qaddej tiegħu, *
ħax ftakar fil-ħniena tiegħu
- bħalma wiegħed lil missirijietna - *
’riżq Abraham u nislu għal dejjem.
Glorja.

Ant. tal-kantiku ta’ Marija:
Is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar; qaddis hu l-isem tiegħu.

**PREĊI**

Alla bagħat lil Ibnu fid-dinja biex ikun is-salvatur u l-eżempju tal-poplu tiegħu. Fiċ-ċokon tagħna nitolbuh u ngħidulu:
*Ikun tifħirek, Mulej, fil-poplu tiegħek.*
Inroddulek ħajr għax int għażiltna biex inkunu l-ewwel frott tas-salvazzjoni:
- u sejjaħtilna biex ikollna sehem fil-glorja ta’ Sidna Ġesù Kristu.
Agħmel li dawk kollha li jistqarru l-isem qaddis tiegħek ikunu fehma waħda u qalb waħda fil-verità tal-kelma tiegħek:
- ħeġġiġhom dejjem bi mħabbtek.
O Alla li ħlaqt kollox, Ibnek għoġbu jsir ħaddiem fost il-ħaddiema:
- ftakar f’dawk li jaqilgħu ħobżhom bix-xogħol u l-għaraq ta’ ġbinhom.
Ftakar ukoll f’dawk li jiddedikaw ħajjithom għas-servizz ta’ ħuthom il-bnedmin:
- tħallihomx jaqtgħu qalbhom jekk il-ħsieb mixtieq tagħhom ma jseħħx u jekk ma jarawx ħlief bruda fl-oħrajn.
Xerred il-ħniena tiegħek fuq ħutna l-mejtin:
- titlaqhomx taħt is-setgħa tal-Ħażin.

**Missierna**

**Talba**

Fil-ħniena tiegħek, Mulej, agħti widen għat-talb li l-Knisja qiegħda tagħmillek, biex inti taħfer id-dnubiet tal-poplu tiegħek, tgħinu jintrabat miegħek dejjem iżjed, u żżommu ħieles minn kull biża’ taħt il-ħarsien tiegħek. B’Ibnek Ġesù Kristu, li miegħek jgħix u jsaltan flimkien ma’ l-Ispirtu s-Santu, Alla, għal dejjem ta’ dejjem. Ammen.

**Għeluq**
Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta’ dejjem. **Ammen.**

## TALBA TA' GĦELUQ IL-JUM
## L-ERBGĦA

V. O Alla, ejja eħlisni.
R. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu.

Fi żmien ir-Randan ma jingħadx Hallelujah.
*Wara dan il-versett tal-bidu tkun ħaġa tajba jekk isir l-eżami tal-kuxjenza, li fiċ-ċelebrazzjoni fil-komun jista' jidħol fl-att penitenzjali skond il-formoli wżati fil-Quddiesa.*

**ATT PENITENZJALI**
I.. *Issir l-istedina għall-penitenza.*
**Ħuti, ejjew nagħarfu ħtijietna.**
Isir ftit tas-skiet. Imbagħad kulħadd flimkien jistqarr:
Nistqarr 'l Alla li jista' kollox,
u lilkom, ħuti, li jiena dnibt ħafna bil-ħsieb,
bil-kliem, bl-egħmil u billi ħallejt dmirijieti:
*iħabbtu fuq sidirhom*
ħtija tiegħi, ħtija tiegħi, bl-ikbar ħtija tiegħi.
Għalhekk nitlob lill-imqaddsa Marija dejjem Verġni,
lill-Anġli u l-Qaddisin kollha,
u lilkom, ħuti, biex titolbu għalija lill-Mulej Alla tagħna.
Tingħata l-assoluzzjoni:
Iħenn għalina Alla li jista' kollox,
jaħfrilna dnubietna, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem.
R/. **Ammen.**

*Jew*
II. *Issir l-istedina għall-penitenza.*

**Ħuti, ejjew nagħarfu ħtijietna.**
*Isir ftit tas-skiet. Imbagħad jingħad:*
V. Ħenn għalina, Mulej
R. Għax dnibna kontra tiegħek.
V. Uri lilna, Mulej, it-tjieba tiegħek.
R. U s-salvazzjoni tiegħek agħtina.

*Tingħata l-assoluzzjoni:*

Iħenn għalina Alla li jista' kollox,
jaħfrilna dnubietna, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem.
R. **Ammen.**

Jew
III. *Issir l-istedina għall-penitenza.*
Ħuti, ejjew nagħarfu ħtijietna.
*Isir ftit tas-skiet. Imbagħad jingħadu dawn l-invokazzjonijiet, jew oħrajn:*
Int li kont mibgħut biex tfejjaq il-bnedmin ta' qalbhom niedma: Mulej, ħniena.
R. **Mulej, ħniena.**
Int li ġejt biex issejjaħ il-midinbin: Kristu ħniena.
R. **Kristu ħniena.**
Int li qiegħed fil-lemin tal-Missier, biex tidħol għalina: Mulej ħniena.
R. **Mulej, ħniena.**
*Tingħata l-assoluzzjoni:*
Iħenn għalina, Alla, li jista' kollox,
jaħfrilna dnubietna, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem.
R. **Ammen.**

**INNU**

Wara dan il-jum li tajtna,
nitolbuk, ħallieq ta' kollox,
biex fit-tjieba kbira tiegħek
tgħasses fuqna u tieqaf magħna.

Fik u bik jistrieħu qlubna,
jibqgħu jħossu l-kenn ta' mħabbtek,
sabiex għada minn filgħodu
jisbħu jgħannu l-glorja tiegħek.

Bierek jiemna b'saħħa tajba,
żid il-ħeġġa ta' ħajjitna,
u bid-dija tiegħek dawwal
dlam il-lejl li riesaq fuqna.

Isma' talbna, Missier twajjeb,
w int, Waħdieni tiegħu u daqsu,
li ta' dejjem hi saltnatkom
ma' l-Ispirtu faraġ tagħna. **Ammen.**

## SALMODIJA

*Barra Ż.GĦ.:*
Ant.1: **Mulej, kun blata tal-kenn għalija, fortizza qawwija ta' salvazzjoni.**

Ż.GĦ.:
Ant. **Hallelujah, hallelujah, hallelujah.**

### Salm 30 (31): 1-6

Talba ta' mnikket, li jittama

*Missier, nerħi ruħi f'idejk. (Lq 23:46)*

Fik, Mulej, jien nistkenn; *
ma jkolli qatt għax nirgħex.
Fil-ġustizzja tiegħek salvani, *
agħtini widen u fittex eħlisni.
Kun blata tal-kenn għalija, *
fortizza qawwija ta' salvazzjoni.

Inti l-blata u l-fortizza tiegħi; *
f'ġieħ ismek mexxini u wassalni.
Oħroġni mix-xibka li ħbew għalija, *
għax inti l-qawwa tiegħi.

F'idejk jien nerħi ruħi; *
int teħlisni, Mulej, Alla tas-sewwa.
Glorja.

Barra Z.GĦ.:
Ant.1: **Mulej, kun blata tal-kenn għalija, fortizza qawwija ta' salvazzjoni.**
Ant.2: **Min qiegħ l-art insejjaħlek, Mulej.** †

Z.GĦ:
Ant. **Hallelujah, hallelujah, hallelujah.**

## Salm 129 (130)

Minn qiegħ l-art insejjaħ

*Hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom. (Mt 1:21)*

Minn qiegħ l-art insejjaħlek, Mulej:
† isma', Sidi, il-leħen tiegħi!
Ħa jkunu widnejk miftuħa, *
jiena u nitolbok bil-ħniena.

Jekk tal-ħtijiet int tagħti kas, Mulej, *
Sidi, min jista' jżomm sħiħ?
Imma għandek hemm il-maħfra, *
biex hekk inqimuk fil-biża' tiegħek.

Jien lill-Mulej nistenna, *
ruħi f'kelmtu tittama.
Tistenna ruħi lil Sidi, *
aktar milli l-għassiesa s-sebħ.

Aktar milli l-għassiesa s-sebħ, *
jistenna Iżrael lill-Mulej!
Għax għand il-Mulej hemm it-tjieba, *
u l-fidwa għandu bil-kotra.
Hu li jifdi lil Iżrael *
minn ħtijietu kollha.
Glorja.

Barra Z.GĦ.:
Ant.2: **Min qiegħ l-art insejjaħlek, Mulej.**

Z.GĦ:
Ant. **Hallelujah, hallelujah, hallelujah.**

### LEZZJONI QASIRA Ef 4:26-27

Tidinbux tħallux ix-xemx tgħib fuq il-korla tagħkom, u tagħtux il-wisa' lix-xitan.

## RESPONSORJU QASIR

Barra żmien il-Għid:
R. F'idejk, Mulej, * Jien nerħi ruħi. F'idejk.
V. Int teħlisni, Mulej, Alla tas-sewwa, * Jien nerħi ruħi. Glorja. F'idejk.

F'Ħadd il-Għid u l-ottava jingħad:
Ant. Dan hu l-jum li għamel il-Mulej; ħa nifirħu u nithennew fih! Hallelujah.

Fi żmien il-Għid:
R. F'idejk, Mulej, jien nerħi ruħi. Hallelujah, hallelujah. F'idejk.
V. Int teħlisni, Mulej, Alla tas-sewwa. * Hallelujah, hallelujah. Glorja. F'idejk.

Ant. **Salvana, Mulej, u ħarisna bin-nhar u bil-lejl, biex nishru ma' Kristu u nistrieħu fis-sliem. (Ż.Għ. hallelujah).**

## KANTIKU EVANĠELIKU Lq. 2,29-32

*Kristu dawl tal-ġnus u glorja ta' Israel*

Issa, o Sid, tista' tħalli l-qaddej tiegħek *
imur fis-sliem, skond kelmtek;
għaliex għajnejja raw *
is-salvazzjoni tiegħek,
li int ħejjejt *
għall-popli kollha:
dawl biex idawwal il-ġnus, *
u glorja tal-poplu tiegħek Israel.

**Glorja.**

Ant. **Salvana, Mulej, u ħarisna bin-nhar u bil-lejl, biex nishru ma' Kristu u nistrieħu fis-sliem. (Ż.Għ. hallelujah).**

## Talba

Mulej Ġesù Kristu, int b'qalb ħelwa u umli toffri madmad ħelu u toqol ħafif lil min jimxi warajk; ilqa' x-xewqat qaddisa u l-ħidmiet li għamilna llum u agħtina

li nistrieħu fis-sliem biex inqumu aktar ħfief għas-servizz tiegħek. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R. **Ammen.**

*Wara t-talba tingħad il-barka:*
Il-Mulej li jista' kollox jagħtina lejl kwiet u tmiem tajjeb.
R. **Ammen.**

*Fl-aħħarnett, mingħajr versett u talba, tingħad waħda mill-antifoni tal-Madonna.*

Omm ħelwa ta' Kristu l-Feddej,
        int bieb illi jagħti għas-sema,
int kewkba tal-baħar, Marija!
        Ħarisna mill-waqgħa, kun magħna,
għajnuna tal-poplu l-maħtur,
        li b'għaġeb nissilt 'il min ħalqek
fis-siegħa li lqajt it-tislima
        li tak Gabrijel, u bqajt xebba,
kif qabel, hekk wara t-tnissil.
        Ħenn, Omm, għal uliedek midinba.
*jew*

Is-sliem, o Sultana
        tas-sema, Sidt l-anġli;
int l-għerq u l-bieb safi
        mnejn ġie dawl id-dinja.
O Verġni glorjuża,
        ta' ġmiel u sbuħija,
is-sliem għalik! Itlob
        lil Kristu għalina.

*jew*

Sliem għalik, Sultana, omm tal-ħniena;
        ħajja, ħlewwa u tama tagħna, sliem għalik.
Lilek ingħajjtu,
        għaliex aħna tturufnati, ulied Eva.
Lilek nitniehdu, aħna li nibku u nolfqu
        f'dan il-wied ta' dmugħ.
Ejja, mela, avukata tagħna,

dawwar lejna
dawk il-għajnejn tiegħek tal-ħniena;
u wrina, wara dan it-turufnament,
lil Ġesu', frott imbierek tal-ġuf tiegħek.
O Ħanina, o pija, o ħelwa Verġni Marija.

*jew*

Taħt il-ħarsien tiegħek nistkennu,
Omm qaddisa ta' Alla:
la twarrabx minn quddiemek
it-talb li nagħmlulek fi ħtiġijietna,
u eħlisna dejjem minn kull tiġrib,
o Verġni glorjuża u mbierka.